MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 666/1992/1

**Oliver Agius bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` O. A. Investments Limited**

**-vs-**

**Joseph Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-atturi fid-19 ta' Dicembru, 1988 ottenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut Joseph Gatt sabiex dan jigi inibit milli jkompli jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fl-art fil-plotijiet u artijiet imsemmija fil-kopja tal-mandat ta' inibizzjoni esebit u markat Dok A mac-citazzjoni;

Premess illi fl-istess mandat ta' inibizzjoni gie debitament notifikat fuq il-konvenut fid-19 ta' Dicembru 1988 kif jirrizulta mill-kopja tal-mandat ta' inibizzjoni u r-riferta relattiva;

Premess illi l-konvenut nonostante dan il-mandat ta' inibizzjoni qieghed ikompli ghaddej bil-bini fl-istess artijiet, dana bi pregudizzju enormi ghall-atturi;

Premess illi tali agir tal-konvenut jirmonta ghal disprezz ta' l-awtorita` ta' dina l-Qorti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut nonostante d-divjett tad-digriet moghti minn din il-Qorti fuq riferta fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1978/88 debitament notifikat lilu baqa' ghaddej bix-xoghol kontra l-istess divjett;

2. Konsegwentement tiddikjara lill-konvenut hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti;

3. Tikkundanna lill-konvenut ghal dawk il-pieni li fic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha opportuna timponi;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, l-elenku tad-dokumenti esebiti u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok il-kumpanija attrici qatt ma otteniet il-mandat ta' inibizzjoni favuriha u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fit-tieni lok mhux minnu li l-eccipjent ma ghamel ebda xoghlijiet li jikkostitwixxu disprezz ta' dina l-Qorti;

3. Illi fl-ahharnett jigi eccepiet illi Oliver Agius qabad u unilateralment invada l-proprjeta` ta' l-eccipjenti u ghalhekk qatt ma seta' jirrikorri l-proceduri odjerni;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Jannar 1994 li permezz tieghu gie nominat AIC Rene` Buttigieg bhala Perit Tekniku biex jirrelata limitatament ghall-ewwel talba wara li jiehu konjizzjoni ta' kull eccezzjoni f’dan ir-rigward u dan bil-fakoltajiet kollha li soltu jinghataw lill-periti, inkluza dik li jideferixxi l-gurament;

Rat ukoll id-digriet tat-2 ta’ Mejju 1996 li permezz tieghu giet ukoll nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku li tinsab a fol. 76 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza ta’ l-14 ta’ Dicembru 1998;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri li tinsab a fol. 143 *et sequitur* tal-process;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-attur *nomine* ipproceda kontra l-konvenut fuq il-premessa illi, nonostante l-Mandat ta' Inibizzjoni (Numru 1978/88), dan issokta bix-xoghlijiet ta' bini. Il-konvenut

jikkontesta din l-allegazzjoni principalment fuq bazi duplici, u cioe`:-

(I) Li l-kumpanija attrici qatt ma otteniet simili mandat. Fil-kors tal-kawza u tat-trattazzjoni finali, traskritta a fol. 143 *et sequitur* tal-process, huwa jispjega li b'dan ried ifisser illi l-mandat akkordat qatt ma gie notifikat lilu;

(II) Li mhux minnu li hu intraprenda xoghlijiet b'infrazzjoni tal-mandat imsemmi u allura ma wettaq l-ebda azzjoni vjolatrici kostitwenti disprezz. Ara t-tieni eccezzjoni tieghu, ahjar spjegata u rettifikata fil-verbal ta' l-Udjenza tas-27 ta' Novembru 1992;

L-ewwelnett huwa pacifiku illi kawza ta' disprezz hi indipendenti minn kwalunkwe kawza ohra ("**Joseph Degaetano noe -vs- Avv. Dr. Louis Galea et noe**", Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1981). Jigi rilevat, anke ghaliex sar accenn fir-rigward matul it-trattazzjoni, illi bl-emenda introdotta ghall-Kap. 12 bl-Att XXIV ta' l-1995, kull procediment ghad-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, eccettwati naturalment dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-oltragg isir *in faciem curiae*, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi hu ghandu jitqies bhala l-attur (Artikolu 1003A);

Naturalment l-istanza prezenti hi salvata b'dak mantenut fid-disposizzjonijiet transitorji ta' l-Att XXIV ta' l-1995 imsemmi, hekk intizi biex iharsu u jsalvaw il-validita` ta' l-atti li jkunu saru qabel l-emendi, anke jekk dawn imorru kontra, jew ma jkunux, konformi ghall-Kodici kif emendat (Artikolu 362(2) ta' l-Att imsemmi);

Fuq dan il-punt gie spjegat illi "huwa minnu illi l-gurisprudenza recenti ta' dawn il-Qrati kienet fis-sens illi l-istanza ghad-disprezz kellha tigi istitwita mill-parti interessata fil-kawza fil-procediment li fih ikun allegat li javvera ruhu l-att dispreggjattiv. Dan mil-lat ta' korrettezza kostituzzjonali." ("**Registratur tal-Qrati -vs- Salvu Psaila u Michael Ellul**", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Frar 1996);

Dan kollu apparti, il-vera kwistjoni hi jekk l-attur *nomine* ghandux dritt jirrivendika d-drittijiet tieghu protetti bil-mandat u aktar u aktar jekk il-konvenut infrangiex l-ordni tal-Qorti li per konsegwenza jisthoqqlu is-sanzjoni tal-ligi ghall-agir allegatament abbusiv;

Indubbjament, anke ghaliex dan hu ben assodat fil-gurisprudenza taghna, "min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b'mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti." (**Vol. XXXV P III p 910**). Ordni tal-Qorti tista' tigi biss reza ineffettiva b'ordni iehor kuntrarju ta' dik il-Qorti jew ta' Qorti ohra u sakemm dan javvera ruhu hu obbligu ta' min ikun gie hekk ordnat li jagixxi skond dik l-ordni taht piena fin-nuqqas ta' disprezz lejn l-Awtorita` taghha. ("**Edward Camilleri noe -vs- Carmelo Vella**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997). L-interess socjali u l-bon ordni pubbliku jesigu illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-ordnijiet (**Vol. XXIX P II p 1023**);

Dan kollu dedott ghandu jfisser li l-Qorti hi interessata tistabbilixxi jekk il-konvenut fil-kaz *de quo* obdiex l-ordni moghtija lilu bil-mandat. U billi s-sanzjoni dettata mil-ligi hi mhollija f'idejn il-Qorti, in ultima analizi, dak li hu importanti hu jekk (i) l-ordni gietx hekk notifikata lill-konvenut, u (ii) jekk fl-affermattiv, kienx jezisti, fil-konkret, agir leziv ta' l-ordni da parti ta' l-istess konvenut;

Issa huwa inferit minn qari tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi l-ezekuzzjoni tal-mandati kawtelatorji, li fosthom hemm annoverat ukoll il-mandat ta' inibizzjoni (Artikolu 830(1)(e)), tinhareg taht ir-responsabilita` tal-persuna li tkun talbitu (Artikolu 829). L-ezekuzzjoni effettiva ssir permezz tal-marixxal ezekutant (Artikolu 834) u in forza ta' l-Artikolu 843, rez applikabbli ghal Mandat ta' Inibizzjoni bl-Artikolu 875, min ikun talbu jrid jipprocedi fit-terminu statutorju mill-kunsinna ta' l-avviz ta' l-ezekuzzjoni;

Minn dawn in-normi procedurali huwa evidenti illi l-mandat hekk ottenut ghandu jingieb ghall-attenzjoni tal-parti li

kontra taghha jkun gie mahrug billi jinghata kopja tieghu mill-marixxal (Artikolu 874);

Fil-kaz taghna ma jirrizultax mill-kopji ta' l-atti tal-Mandat (fol. 6 u fol 32) illi l-Mandat ottenut bid-digriet tal-Qorti tad-19 ta' Dicembru 1988 gie hekk notifikat lill-konvenut. Anzi mill-kopja ta' l-istess Mandat, esebita din id-darba mill-konvenut (fol. 96), jirrizulta mir-riferta, illi t-tentattivi ghal notifika taw rizultat negattiv;

Il-fatt tan-notifika tieghu (15 ta' Dicembru 1988) sar biss ghal finijiet tar-reazzjoni tal-konvenut kif evidenzjat mir-Risposta tieghu ukoll prezentata fid-19 ta' Dicembru 1988. Sa hawn il-Qorti ma kienitx ghadha laqghat ir-rikors u ghalhekk ma jistax jinghad li kellek xi ordni tal-Qorti. Id-digriet bl-ordni tal-Qorti kien wiehed kamerali u allura kien dover tar-rikorrent li din l-ordni tingieb formalment bid-debita ezekuzzjoni f'idejn il-konvenut intimat. Dan ma sarx u allura teknikament mhux il-kaz li jinghad li l-konvenut kellu l-konsapevolezza ta' din l-ordni li, skond l-attur *nomine*, hu ghadda biex volutament jisfida;

Apparti din il-konsiderazzjoni ta' indoli strettament legali, gie kostatat ukoll mill-perit tekniku nominat illi f'kull kaz il-konvenut ma jistax, minn valutazzjoni tal-fatti jigi akkuzat b'xi att anti-guridiku li per konsegwenza ghandu jattratta l-imposizzjoni ta' pieni u sanzjonijiet fil-ligi mahsuba. Fil-meritu, il-konkluzjoni tal-perit relatur fir-rigward tax-xoghlijiet allegati mill-attur *nomine* hi cirkoskritta f'din l-osservazzjoni:-

"Illi inoltre huwa inverosimili li l-konvenut baqa' minghajr il-hitan divizorji ghal aktar minn hames snin u nofs, wara li fis-sena 1983 zviluppa l-art li kienet giet minnu akkwistata fis-sena 1981."

Din il-Qorti taqbel ma' din l-osservazzjoni u zzid taggungi illi fil-verita l-attur *nomine* ma ssostanzjax bi provi rassikuranti u konvincenti l-allegazzjoni centrali tieghu dwar twettiq ta' xoghlijiet mill-konvenut. Kien hu biss li xehed u x-xhieda tieghu giet kontrasta sew mill-konvenut;

Wiehed ma jridx jinsa, imbaghad, illi l-proceduri ghal disprezz huma kkonsidrati bhala materja partikolari tal-Procedura Gudizzjarja (It-Tielet Ktieb tal-Kap. 12) tant li sahansitra b'disposizzjoni espressa tal-Kodici penali taghna (Artikolu 686) huma estizi ghall-Qrati Kriminali;

Issa huwa minnu illi fid-distinzjoni li ghamlet fuq l-awtorita` tad-duttrina Ingliza, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Anthony Montanaro et noe -vs- Registratur tal-Qrati**", 16 ta' Dicembru 1980 ikkwalifikat id-dizubbidjenza ghall-ordni emersa minn qorti civili bhala "*civil contempt*". B'danakollu billi hu kontemplat li l-imgieba hazina jew l-att vjolatur igorru maghhom sanzjonijiet ta' indoli penali, l-akkuza ta' l-allegata infrazzjoni tehtieg prova rafforzanti, konklussiva u qawwija. Prova indispensabbli ghal konvinciment tal-gudikant. Dan qed jigi sottolinejat anke ghaliex hu difficli ghall-Qorti li ticcensura l-opinjoni valevoli li ghamel il-perit tekniku, u in effetti, ma jirrizulta l-ebda motiv gravi li jgieghel lill-Qorti tiskarta dik l-opinjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet ta' l-attur *nomine*, bl-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minnu.

(ft) Philip Sciberras

________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur